TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 122/18/F

Karen u Aldo Spiteri

vs

Charmaine Buhagiar eżerċenti l-kummerċ bħala Zenden Discount Store

Illum, 27 ta' Novembru, 2019

It-Tribunal

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-30 ta' Lulju, 2018 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' erbgħin Ewro (€40), rappreżentanti l-prezz ta' throw overs li wara ċertu żmien dawna tilfu l-forma tagħhom.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw żewġ throw overs li wara ċertu żmien tilfu l-forma tagħhom.

L-intimata ssottomettiet illi jew kienu ħasluhom ħażin, jew għamlu użu tagħhom ħażin għax qatt ma kellha throw overs f'dak l-istat.

It-Tribunal, kellu l-opportunita' li jara dawn it-throw overs u jinduna li vera ġralhom xi ħsara, pero' mhux konvint illi l-ħsara saret tort tar-rikorrenti, u li l-probabbilta' hi li l-materjal kien ta' kwalita' inferjuri.

Għal dawn il-motivi:

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tletin Ewro (€30), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi t-throw overs jiġu propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

Avv Martin Fenech
Arbitru